MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 304/2015

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Dr Mario Cuschieri)**

**vs**

**Laszlo Balogh**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil Laszlo Balogh, ta' 52 sena, ta' nazzjonalità Ungeriza, imwieled f' Oerkeny fl-20 ta' Frar, 1963m bin Elemar u Maria nee Csontos, pussessur tal-passaport Ungeriz bin-numru BD5211185 u

residenti lokalment fil-fond numru 20, Shalom Court, Flat 6, Triq il-Makku San Pawl il-Bahar;

Wara li rat is-Schengen Information System Alert mahrug fuq talba ta' l-Imhallef fi hdan il-Qorti ta' Dabas, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004, u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat 17 ta' Settembru ,2014 mahrug mill-istess Qorti fil-konfront ta' Laszlo Balogh, u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004;

Wara li semghet is-sottomissjonijiet maghmula mil-Prosekuzzjoni u mill-Avukat tad-Difiza ta' l-estradand;

Wara li semghet lil Laszlo Balogh jikkonferma li huwa dak il-persuna ghal liema inhareg 'il fuq imsemmi Mandat ta' Arrest Ewropew;

Tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004 li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti huwa fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il-Mandat taht Taqsima II ta' l-imsemmi Avviz Legali mill-Ungerija, kopja ta' liema mandat gie dikjarat mill-partijiet li nghatat lill-estradand;

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 11 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004, il-Qorti infurmat lill-estradand dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra tieghu;

Wara li tat lill-estradand dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-istess imsemmi Avviz Legali;

Wara li spjegat lill-estradand l-import ta’ l-Artikolu 43 ta’ l-Avviz Legali 320 ta’ l-2004;

Wara li semghet lill-estradand jiddikjara li huwa jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Ungerija u li huwa mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta’ specjalità koncess ai termini ta’ l-Artikolu 18 ta’ l-Avviz Legali 320 ta’ l-2004;

Wara li rat l-Artikolu 28A ta’ l-Avviz Legali 320 ta’ l-2004 u wara li rat li d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikolu 43 ta’ l-imsemmi Avviz Legali gew osservati;

Tordna li Laszlo Balogh ghandu jinzamm taht arrest u jigi konsenjat lil Awtoritajiet Ungerizi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------